MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 523/2008

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Samuel Farrugia (ID 764645 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf, mitejn, u erbgha u erbghin ewro u wiehed u sebghin centezmi (€1,244.71) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21463190 skond kif jirrizulta mid- dokumenti annessi mat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet  legali mid-data tal-prezentata ta' dan  l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa` ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat. Il-konvenut kien deher ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008 fejn iddikjara illi l-ammont mitlub m`huwiex dovut. Illi ghalkemm il-konvenut kien kontumaci, it-Tribunal dak inhar kien tah sas-16 ta' Dicembru, 2008 sabiex jaghmel r-risposta. Illi l-konvenut xorta wahda baqa' ma pprezenta l-ebda l-ebda risposta. Illi l-kawza kienet differita ghall-14 ta' Jannar, 2009 u l-konvenut imsejjah tlett darbiet ma deherx.

Ra illi  l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta ta` l-14 ta' Jannar, 2009 mill-Prokuratur Legali  S-Sur Noel Xerri.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------